MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2004

Talba Numru. 564/2004

**Paolo Bonnici Limited**

**vs**

**Grace Aquilina**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat 15 ta' Marzu 2004 fejn gie mitlub li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf u hamsa u hamsin lira Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm1,055.28) rapprezentanti prezz ta' merkanzija varja lilha mibjugha u kkonsenjata lil Jesmar Self Service, Carini Street, Santa Venera.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-6 ta' Gunju 2003 u bl-ingunzjoni kontra l-konvenuta ghas-subizzjoni;

kif ukoll bl-imghaxijet legali dekorribbli mid-data ta' l-istess ittra ufficjali.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenuta giet regolarment notifikata, naqset milli tidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' somma ta' elf u hamsa u hamsin lira Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm1,055.28) bl-imghax pagabbli mid-data tal-ittra ufficjali tas-6 ta' Gunju 2003 sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-6 ta' Gunju 2003, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenuta skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------